MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 11/2025-9**

**Il-Ħamis, 20 ta' Frar 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fit-3.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba - Sindku
Is-Sur Daniel Cordina- Viċi Sindku
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

Dr Marlene Cini - Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

N/A

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji pero' is-Sindku nforma lill-membri li Dott. Marlene Cini ser tkun qed tingħaqad mal-kamra b'mod virtwali peress li tinsab indisposta fuq raġunijiet personali.

11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 09/2025-9 u nru. 10/2025-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

11.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

11.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 09/2025-9 u 10/2025-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku propona u l-membri qablu li permessi ta' makkinarju goff jibdew joħorġu fit-8.30 ta' filgħodu fi żmien l-iskola biss.

11.3.2 Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill japplika għal fondi tad-DPF għar-riġenerazzjoni ta' Pjazza l-Assunta. Preżenta wkoll pjanta mħejjija mill-Perit u propona li ssir artist impression. Il-Kunsillier Nicky Saliba qabel mal-proġett sakemm ma jitnaqqsux parkeġġi.

11.3.3 Propona u l-membri qablu li l-Kunsill japplika wkoll għal fondi tad-DPF sabiex jitranġa t-taraġ ta' Triq Barda. Il-Kunsill għandu japplika wkoll ma' l-Awtorita' ta' l-Artijiet f'dan ir-rigward.

11.3.4 Informa lill-membri li l-Kunsill reġa applika mad-DPF għar-railing li baqa' jinbidel minn fejn il-latrina tal-Qbajjar Promenade sal-Bajja tal-

Qbajjar. Sar dan peress li nbidlet is-sistema min-naħħa tal-PA kif wieħed għandu japplika.

11.3.5 Is-Sindku nforma lill-membri li saret laqgħa mar-rappreżentant tal-Ħeritage Malta rigward il-Batterija ta' Santa Marija. Informa lil membri li x-xogħol ser jinqasam fuq 2 fażi, l-ewwel jitneħħa l-perikolu u wara jibda' ir-restawr. Dan ta' gwida lil Kunsill sabiex tintbgħat ittra formali lil Awtorita' ta' l-Artijiet fejn l-Kunsill jibgħat il-proposti tiegħu għal dan is-sit. Il-Viċi Sindku wera t-tħassib tiegħu li din terġa tingħata lil privat.

11.3.6 Is-Sindku propona u l-membri qablu li ssir ħarġa għal anzjani f'Għawdex fit-2 t'April 2025.

11.3.7 Is-Sindku nforma lill-membri li CCTV cameras li ġew imwaħħla fi Triq ix-Xagħra nsterqu bil-kanna b'kollox. Reġa' propona li jerġgħu jeħlu u l-kanna tiġi iweldjata. Il-membri qablu.

11.3.8 Irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ħidma tagħha sabiex jiġu organizzati żewġ attivitajiet tal-Karnival, fil-25 ta' Frar 2025 fiż-Żebbuġ waqt li fit-2 ta' Marzu 2025 f'Marsalforn.

11.3.9 Rigward il-bankina ta' L Zahra fi Pjazza l-Assunta, informa lil membri li din ser tkompli ssir mill-ħaddiem tal-Kunsill waqt li l-materjal ser jinġieb mill-MGP – Maintenance and Public Cleansing.

11.3.10 Propona u l-membri qablu sabiex l-*I love Marsalforn* titpoġġa f'parti minn belvedere fi Triq Santa Marija fejn sar ir-railing. Is-Sindku kompla jgħid li iltaqa' ma' l-artist Mario Cassar flimkien ma' l-Għaqda ta' Armar sabiex issir platform u jingħata bidu għal dan ix-xogħol. Propona sabiex flok brick din il-parti tinkesa bil-porfido. Il-membri qablu.

11.3.11 Informa lil membri li l-Otters Waterpolo Club talbu lil Kunsill sabiex jidħol f'kollaborazzjoni miegħu għal Otters Fest. Il-membri qablu li l-Kunsill ma għandhux jaqbeż is-somma ta' €1,000 għal din l-attivita'.

## 11.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

### 11.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Cordina*

11.4.1.1 Talab update rigward Triq ta' Ċenċ. Is-Sindku nfurmah li avviċina lid-Direttur Ġenerali fejn din infurmatu li qed jiġu evalwati l-offerti sabiex ikun jista' jinbeda' x-xogħol neċessarju.

11.4.1.2 Fakkar lil Kunsill sabiex terġa tintbgħat tfakkira lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar rigward Triq Għajn Mhelhel fejn il-ġebla tal-munġitar.

11.4.1.3 Talab sabiex il-ġnien li hemm fi Triq il-Wied jitnaddaf u jinqata' l-ħaxix.

11.4.1.4 Propona u l-membri qablu sabiex is-swimming zone ta' Taħt ix-Xifer għas-Sajf li ġej issir mill-Għaqda tan-Nar peress li għandhom il-mezzi kollha sabiex isiru.

11.4.1.5 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar rigward il-kisi mill-ġdid ta' Triq il-Qbajjar.

11.4.1.6 Propona u l-membri qablu li issir STOP sign fejn tal-Virtut int u ħiereġ minn Triq Skappuċċina.

11.4.1.7 Il-Viċi Sindku propona u l-membri qablu li jitneħħew id-*double yellow lines* minn Triq il-Plejju sabiex b'hekk ikun qed jiżdiedu il-parkeġġi.

### 11.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

11.4.2.1 Staqsiet jekk Jum iż-Żebbuġ hux ser ikun qed jiġi organizzat. Is-Sindku nfurmha illi jgħaddi l-Karnival u tibda' l-ħidma fuq Jum iż-Żebbuġ.

### 11.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

11.4.3.1 Informa lil membri li fil-kantuniera ta' Triq il-Munġbell qed iżomm l-ilma. Il-membri qablu li dan għandu jitranġa.

11.4.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

11.4.4.1 Propona u l-membri qablu sabiex jinbidlu t-tabelli kollha ta' Triq ix-Xwejni u jsiru tal-PVC flok tal-ħadid.

11.4.4.2 Informa lil membri li d-doll house tal-playing field tal-Virtut waslet biex tinbidel. Is-Sindku nfurmah illi nġabret kwotazzjoni biex issir waħda ġdida minflok u tiswa' madwar €7,000. Il-Viċi Sindku propona u l-membri qablu li billi ser jinbidel l-equipment kollu tal-Qbajjar Promenade, id-doll house tinqala' u teħel f'Tal-Virtut.

11.5 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2024

L-accountant tal-Kunsill ingħaqad b'kollegament telefoniku mal-kamra fis-5.40 ta' filgħaxija. Ta spjegazzjoni dettaljat tal-*unaudited Financial Statements* li ġew approvati.
Il-membri approvaw l-Unaudited Financial Statement u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

11.6 Approvazzjoni tar-raba' Rapport ta' Kull Kwart (Jannar – Diċembru 2024)

L-accountant ta spjegazzjoni dettaljata tar-raba' rapport ta' kull Kwart u ġibed l-attenzjoni sabiex il-Kunsill joqgħod attent fin-nefqa tiegħu u dan peress li f'dan il-kwart il-Kunsill jinsab b'FSI ta' -23%. Il-Viċi Sindku sostna li l-Gvern Ċentrali kien daħal għad-dejn ta' żewġ Kunsilli u għenhom jerfew il-piż u għalhekk talab sabiex il-Kunsill jikteb lid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

Ir-raba' Rapport ta' Kull Kwart ġie approvat mill-membri u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku rringrazzja lill-Accountant tal-Kunsill ta' l-ispjega tiegħu. Dan ħalla l-kamra fis-6.00 ta' filgħaxija.

11.7 Skemi maħruġa mid-Direttorat għal Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri preżenti li ħarġu tlett

skemi oħra mill-Gvern Lokali u li għalihom il-Kunsill jista' japplika.

*Skema SPI/SCI/02/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026.*
Il-membri qablu li ssir applikazzjoni għal Funland Thursdays li tkun mifruxa fuq 8 t'ijiem li tibda' mill-bidu ta' Lulju sal-bidu ta' Settembru. Il-ġimgħa tal-festi ta' Santa Marija tar-Rabat u taż-Żebbuġ jinqabżu. Qablu wkoll illi għal kull attivita' jitqabbad artist/a jew mużiċisti, issir esebizzjoni fil-miftuħ minn artist ta' l-arti jew fotografija, isir logħob għat-tfal, pony rides, servizz mill-Korijiet u face painting. Qablu wkoll illi wara kull attivita' jsir it-tindif meħtieġ. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li n-nefqa prevista' li tilħaq madwar €26,000 waqt li l-Kunsill jista' jibbenifika sa massimu ta' €20,000. Il-membri qabu li l-Kunsill dispost li jiffinanzja 15% ta' l-ammont.

*Skema SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa 2025*
Il-membri qablu li ssir applikazzjoni għal attivita' ta' clean up fejn inħeġġu aktar liż-żgħażagħ jippartecipaw u jinxtara wkoll mutur tal-ħart sabiex jinħartu l-ġonna li għandna fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li n-nefqa prevista li tilħaq madwar €2,000 waqt li l-Kunsill jista' jibbenifika sa massimu ta' €1,500.

*Skema SPI/SCI/04/2025 – Espressjoni ta' Interess – Milied 2025*
Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika sabiex jerġgħu jiġu organizzati l-attivitajiet marbuta mal-'Piccole Luci'. Il-membri qablu li l-Kunsill japplika sabiex itella' kunċerti tal-Banda u tal-Kor għal żmien il-Milied, issir attivita' ta' qari u crafts ġewwa l-librerija, issir Festa Tfal, jiġi mżejjen Marsalforn kif ukoll iż-Żebbuġ, tiġi organizzata train ride madwar ir-raħal bil-kant tal-Christmas Carols u ssir ħarġa kulturali għal anzjani kif ukoll issir attivita' fi Pjazza l-Assunta fejn jintramaw stalls mill-għaqdiet tar-raħal u jieħdu sehem kumpaniji taż-żfin u diversi kantanti u mużiċisti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li n-nefqa prevista li tilħaq madwar €22,000 waqt li l-Kunsill jista' jibbenifika sa massimu ta' €15,000. Il-membri qabu li l-Kunsill dispost li jiffinanzja 15% ta' l-ammont.

Rigward *Skema SPI/SCI/07/2024 – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi.*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill kien applika sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji fil-kamra ta' fuq tal-Berġa tas-Saħħa. Id-Direttorat għad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali talab lill-Kunsill għal dikjarazzjoni tal-Perit jekk hemmx perikolu strutturali fis-saqaf tal-berġa. Wara laqgħa mal-Perit fuq il-post, il-Perit informa lil Kunsill li hemm perikolu strutturali peress li jrid jinqala biċċa mis-saqaf. Għal dan il-għan il-membri qablu li ssir talba lid-Direttorat jekk minflok dawn il-fondi jiġu utilizzati sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji fil-latrina pubblika li tinsab fi Pjazza l-Assunta wkoll.

11.8 Materji oħra

11.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lil membri tlett kwotazzjonijiet għat-tindif u manteniment taż-Żebbuġ Playing Field. L-irħas kwotazzjoni kienet dik ta' l-Għaqda tan-Nar Marija Assunta li tammonta għal €490 VAT inkluż. Il-membri qablu li dan ix-xogħol jibda' jsir mill-Għaqda.

11.8.2 Talba mingħand J. Xuereb sabiex jitneħħa parkeġġ fi Triq Għajn Mhelhel peress li qed ikun xkiel għat-traffiku. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Nicky Saliba astjenew minn din id-deċiżjoni waqt li s-Sindku, Dott. Marlene Cini u Mario Portelli qablu li jinġab il-kunsens ta' sid id-dar minn fejn ser jitneħħa l-parkeġġ peress li din hija l-prassi tal-Kunsill.

11.8.3 Korrispondenza mill-Konservatorju ta' l-Isqof fejn proponew li jiġu nstallati *water fountains.* Il-membri nnutaw l-kontenut.

11.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li intalab permess għal *trenching* RWP1/0344/25 mill-Enemalta fejn talbu sabiex jibdew jagħmlu trinka li tibda' minn Triq Għar Qawqla minn wara l-Calypso, tgħaddi minn Pjazza San Pawl, fl-ewwel parti ta' Triq id-Duluri, Triq il-Munġbell, parti minn Triq ir-Rabat u Triq il-Qbajjar sa fejn Vista Point. Il-membri qablu li dan il-permess jingħata imbasta wara li titlesta' it-trinka it-toroq jerġgħu jiġu asfaltati il-wisgħa kollu cioe' minn bankina sa oħra. Il-Viċi Sindku talab sabiex issir laqgħa ma' l-Enemalta rigward Triq il-Qbajjar fejn is-Supermarkets. Il-membri qablu.

11.8.5 Korrispondenza mill-FSWS fejn talbu lil Kunsill biex jorganizzaw flimkien attivita' soċjali fis-26 ta' Marzu mill-10.00 ta' filgħodu sas-

1.00 ta' wara nofsinhar għar-residenti anzjani ta' Marsalforn. Il-membri qablu li l-ispiża m'għandhiex taqbeż it-€300.

11.8.6 Z02/25 – talba sabiex il-*give way* li hemm fi Triq Għajn Mhelhel titpitter aktar il-fuq qabel ma tidjieq it-triq. Il-membri ma' qablux ma din it-talba.

11.8.7 M03/25 – talba sabiex jitnaddaf passaġġ għal ġo għalqa fi Triq Wied l-Infern. Il-membri qablu li ssir *site inspection* u t-talba terġa' titressaq.

11.8.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li waslet talba li ser jinħadem film fi Triq ix-Xwejni fit-13 ta' Marzu. Il-membri qablu li tingħata l-approvazzjoni sakemm ma tingħalaqx it-triq.

11.8.9 Il-Pulizija tal-Kommunita' informa lil Kunsill illi hemm żewġ toqbiet irqaq u fondi, taħthom vojt fi Triq il-Plejju. Dawn huma imminenti li jisfrondaw. Il-membri qablu li jiġu nfurmati id-Drainage Section f'dan ir-rigward.

11.8.10 Is-Sindku nforma lil membri li r-Reġjun t'Għawdex talbu lil Kunsill sabiex il-Kunsill jipproponi proġett fil-lokalita' bħala parti mill-attivitajiet tar-Region of Culture. L-ispiża ma taqbizx il-€5,000.

11.8.11 Rigward offerta ZGLC/01/2025 – Works – Upgrading of Public Convenience at Qbajjar Promenade, Triq Santa Marija in an environmentally Friendly Manner li ser tagħlaq fis-6 ta' Marzu 2025, il-membri qablu li l-Bord ikun kompost minn William Sultana, Chairman, membri Daniel Galea, Ing. Mario Cauchi u Loretta Cauchi, Segretarju Odette Camilleri.

11.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 08/2025 għall-perjodu ta' Frar 2025 li tammonta għal €80,510.06 ġiet approvata mill-membri preżenti .

11.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 17 ta' Marzu 2025 fit-3.30 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv